# Kunsill Lokali L-Imġarr

22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
Tel : 21 520011 / 27 520011   Fax : 21 522252
mgarr.lc@gov.mt
***www.mgarrlc.com***

## Seduta numru 17 tas-7 Leġislatura
## Illum it-Tnejn 16 ta'  Gunju 2014

**MINUTI**

Il-Membri li jikkomponu is-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv għas-Seduta Numru 17 tas-7 Leġiżlatura tal-Kunsill Lokali Mġarr fil-5:30pm ta' nhar it-Tnejn, 16 ta' Gunju 2014, fl-Uffiċċju Amministrattiv, fuq din l-aġenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Korrispondenza
3. Kommunikazzjonijiet
4. Rapporti dwar l-aħħar sejħiet għall-offerti
5. Merchant Accounts u Online Payments
6. Proposta ta' LoveSexy Party fil-Ġnejna
7. Affarijiet Mixxelanji

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, id-Deputat Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsillier Mario Sammut, il-Kunsillier Elizabeth Ebejer, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli.

Il-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ, Elaine Vella kienet skuzata.

Il-laqgħa tmexxiet mis-Sindku, Paul Vella.

### 1 Minuti

*Punti mill-Minuti*

| | |
|---|---|
| dwar punt 3.1 : | Eman Vella informa li kien attenda għal-laqgħa fuq il-policy tal-MEPA dwar ir-riforma taċ-ċimiterji. |
| dwar punt 3.2 | Eman Vella semma' li din il-laqgħa kienet saret u li l-aktar punt kruċjali tad-diskussjoni kien dwar l-immanniġjar tat-traffiku. |

dwar punt 6.14 : Elizabeth Ebejer infurmat dwar il-laqgħa tad-Digital Parenting, li iżda kien hemm attendenza fqira għaliha.

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

## 2 Korrispondenza

2.1 Ġew innuttati diversi memos mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali.

2.2 Ġew innuttati diversi korrispondenzi u notifikazzjonijiet mingħand il-MEPA.

2.3 Korrispondenza mingħand Galea Curmi li tinforma li l-offerta ta' MicaMed għax-xogħol tat-trenching dwar il-proġett tas-CCTV kien aktar għoli milli kien hemm miktub fil-kuntratt eżistenti ma' dan l-istess kuntrattur, imma li ir-rati kienu ġustifikati u skond ir-rati attwali tas-suq tal-lum. Il-Kunsill iddiskuta u finalemnt approva ix-xogħol b' dawn ir-rati.

2.4 Il-Kunsill iddiskuta korrispondenza dwar il-ftuħ tal-uffiċċju nhar ta' Sibt. Minn riċerka li għamel il-Kunsill jirriżulta li għalkemm ma jsirx użu kbir nhar ta' Sibt, il-Kunsill iħoss li xorta hemm bżonn li l-uffiċċju jinfetaħ nhar ta' Sibt, anke minħabba il-bejgħ ta' biljett ta' dħul fit-tempji ta' Skorba u ta' Ħaġrat.

2.5 Il-Kunsill iddiskuta it-talba mressqa min John Mary Galea dwar l-istabbilment ġdid ' Tal-Majjistra', biswit il-knisja. Fiha, is-sur Galea kien qed jipproponi li jirranġa il-bankina ta' quddiem l-istabbilment kif ukoll talab biex ikun hemm Reserved Parking Bay għal xarabank. Il-Kunsill iddiskuta u ddeċieda li dwar il-bankina, it-talba tgħaddi għand il-perit tal-Kunsill għall-evalwazzjoni. Dwar il-Parking Bay, il-Kunsill iddeċċieda li ma jaqbilx minħabba immanniġġjar tat-traffiku u peress li jinħoloq inkonvenjent lir-residenti tal-madwar, kif ukoll peress li jitnaqqas spazzju vitali għall-parkeġġ.

## 3. Komunikazzjonijiet

3.1 Paul Vella semma li kien beda' ix-xogħol tal-bankina fi' Triq Fisher. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva l-ewwel ċertifikazzjoni tax-xogħol mingħand il-perit.

**4. Rapport dwar l-aħħar sejħiet għall-offerti**

4.1 Il-Kunsill iddiskuta l-aħħħar sejħeit għall-offerti u ngħata update dwar kull sejħa:

- **Vann 2nd hand** : ġie deċiż li jinħarġu set ta' specifications ġodda li jirriflettu aħjar il-bżonnijiet tal-Kunsill. Dawn jinkludu : vann 2nd hand, 7 seater b'magna diesel. Paul Vella semma li ser jaghti specifikazzjonijiet oħra li se jidhru fuq is-sejħa il-ġdida.

- **Computers & File-Server** : wara parir tekniku mingħand il-kumapnija li tisservissja l-IT tal-uffiċċju, ġie deċiż li ma jixtrawx compjuters ġodda imma isirilhom update għall-Operating System Windows 8.1. Dan għandu jiffranka il-flus lill-Kunsill filwaqt li jassigura li il-compjuters esiżtenti jaħdmu kif suppost.
  Dwar il-File Server, il-Kunsill qabel mal-parir tekniku li jinxtara dak suġġerit fir-risposta tal-Klikk, li jiswa €775. Dan mhux bixx kien l-inqas offerta miġbura, imma kien l-aktar wieħed viċin tal-bżonnijiet tal-Kunsill.
  Il-Kunsill approva iż-żewġ suġġerimenti t' hawn fuq.

- **Tender MGR 2014/01 - Hitan tas-Sejjieħ** : Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kienet inħarġet Acceptance Letter lil Kalċidon Vella u li ix-xogħol kien ser jibd'a mill-aktar fis. Il-Kuntratt kien ser jiġi iffirmat imminentament.

- **Tender MGR 2014/02 - Bankina Heritage Trail** : Eman Vella informa li dwar dan it-tender, il-Kunsill kien għadu qed jistenna ir-rapport tal-Perit.

- **Tender MGR 2014/03 - Xogħol ċiviku fil-Bandli ta' Wesgħat il-Ġublew** : Ġie pprezentat ir-rapport tal-perit li indika li l-aħjar offerta hija dik ta' Adam Bugeja Paving Services.

- **Tender MGR 2014/04 - Playing Filed Equipment u Safetly** Flooring : Is-Segretarju Eżekuttiv informa li r-rapport tal-Perit dwar dan għadu mhux konluż minħabba il-kumplessita' ta' din is-sejħa. Ser tissejjaħ laqgħa tal-Kunsill mal-perit immedjatament malli dan ir-rapport jitlesta'.

**5. Merchant Accounts u Online Payment**

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li iż-żewġ Merchant Accounts mal-BOV u mal-HSBC issa kienu lesti, hekk kif kien intalab mid-DLG.

**6. Proposta ta' LoveSexy Party fil-Ġnejna**

6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li il-Kunsill kien irċieva talba għall-organizzazjoni ta' LoveSexy Party fil-bajja tal-Ġnejna matul is-sajf.

6.2 Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u qabel unanimament li ma jaċċettax din il-proposta peress li per prinċipju ma jaqbilx li jsiru dan it-tip ta' parties fil-lokalita' minħabba l-inkonvenjenzi li jinħolqu lin-nies li jiffrekkwentaw il-bajja.

6.3 B' din id-deċiżjoni il-Kunsill ser jgħarraf lil Pulizija tal-Mosta dwar din id-deċiżjoni.

**7. Affarijiet Mixxellanji**

7.1 Is-Sindku informa li nhar is-7 ta' Ġunju saret laqgħa minn Dr David H. Trump fis-siti preistoriċi ta' l-Imġarr. Kien hemm feedback tajjeb ħafna izda l-attendenza setgħet kienet aħjar.

7.2 Is-Sindku informa wkoll li fl-14 ta' Ġunju saret tellieqa ta' National Mountain Race Championships, it-tieni sena li saru fl-Imġarr.

7.3 Il-Kunsilliera ġew mgħarrfa li l-Onorevoli Stefan Buontempo u l-Onorevoli Owen Bonnici kellhom iżuru il-lokalita' fit-22 ta' Ġunju.

**Aġġornament**

Is-Seduta ntemmet fit-8:10pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 23 ta' Lulju 2014.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku